**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carlos Cordina]**

**vs**

**Josef Buttigieg**

**Kumpilazzjoni Numru: 137/2013**

**Illum, 10 ta' Gunju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Josef Buttigieg detentur tal-karta tal-identita` numru 0133680M:

1. Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-18 ta' Novembru 2012, ghall-habta tas-01:00 ta' wara nofsinhar minn gewwa residenza numru 6, Triq San Silvestru, Mosta, ikkometta

serq ta' diversi gojjeli ta' deheb u ta' flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-mezz u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Francesco Saliba detentur ta' karta ta' Identita: 0331836M u/jew ta'persuni ohra;

2. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-ammont ta' mija u sittax il ewro u sebgha u erbghin centezmi (€116.47c) u liema hsara saret fuq bieb ta' residenza numru 6, Triq San Silvestru, Mosta, ghad-dannu ta' Francesco Saliba detentur ta' karta ta' Identita: 0331836M u/jew ta' persuni ohra;

3. talli laqa' ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Anthony Micallef Trigona LL.D., f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta'

natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Josef Buttigieg u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 5,000 euro bhala depozitu u 5,000 euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sbatax (17) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

1. Fl-artikoli 261(b), (c) u (e), 263(a), 267, 269(g), 278(3), 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
5. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Frar 2014 u anki fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2015 l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza odjerna tigi ttrattata bi procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat serq u sgass ta' fond *ossia* dar residenzjali liema dar tinsab gewwa l-Mosta.

Illi fis-seduta tal-25 ta' Frar 2013, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, gie mahtur l-espert Joseph Mallia sabiex jezamina l-marki tas-swaba fuq l-oggetti elevati senjatament kaxxa tal-gojjellerija li giet elevata mill-Pulizija.

Xehed **Francesco Saliba** li kkonferma li kien ghamel rapport lill-Pulizija. Fix-xhieda tieghu qal li harbtulu d-dar u s-serratura. Qal li jiftakar li kien nhar ta' Hadd tas-sena 2013 izda ma setax jiftakar id-data u lanqas ix-xahar. Huwa qal li joqghod numru 6, Triq San Silvestru, Mosta. Riprodott ix-xhud qal li xi hadd dahallu fejn halla "*parankina daqshekk gewwa halliha fuq is-sodda biex fetah il-bieb u kellha kocc deheb il-mara hadulha kollu.*" Huwa qal ukoll: "*Kellha erba' bicciet deheb hadulha kollu, il-bqija flus ma messli xejn.*" Huwa qal li d-deheb antik u allura llum il-gurnata wiehed ma jixtrihomx b'sittin jew mitt Lira Maltin. Mitlub jispjega x'deheb kien huwa qal li hadulu curkett tieghu, par imseielet tal-mara u gizirana. Huwa qal li d-deheb ilu ghand il-mara tieghu ghoxrin sena. Bhala valur qal li dak iz-zmien kienu gew gholjin, cirka Lm150. Qal li huwa nduna bis-serqa ghax sab il-bieb miftuh u dan kien mill-4:00 sal-5:00. Spjega li kisrulu s-serratura u anki l-bieb fejn gab mastrudaxxa jirrangah. Huwa qal li hallas mija u hamsin b'kollox. Waqt ix-xhieda tieghu x-xhud

qal il-kliem segwenti: "*Jiena jekk trid tahfirlu jien ghalija ninsa kollox. … Jien nahfirlu rrid halli ma noqghdx nitla. … Imma jien irrid nahfirlu ghax jiena l-Qorti ma nhobbux, qatt ma tlajt il-Qorti jien. Jiena ghandi 76 sena qatt ma dhalt hawn gew.*" Ix-xhud qal li l-imputat lanqas biss jafu. Mistoqsi mill-Qorti dwar id-deheb qal: "*Le ma rridx inbirikomlu.*"

Xehed **PS198 Arthur Debattista** li qal li fit-18 ta' Novembru 2012 gie mqabbad mill-Ispettur Gabriel Micallef fuq allegat serq minn numru 6, Triq San Silvestru, Mosta. Huwa pprezenta rapport li fih 32 ritratt u 6 *lifters* li gie mmarkat bhala Dok. AD1. F'dan ir-rapport is-*scene of crime officers* ikkonstataw li kien hemm marki ta' llevar fuq il-bieb ta' barra tal-fond inkwistjoni filwaqt li l-istess bieb kien jinsab sgassat. Fuq gewwa tal-fond irrizulta li kien hemm taqlib f'diversi kmamar minn fejn allegatament naqsu xi oggetti. Skont l-istess *scene of crime officers* fis-sular ta' fuq, fuq is-sodda, giet indikata bicca ghodda li ssinn is-skieken, liema ghodda kienet estranja ghall-post.

Xehed l-espert **Joseph Mallia** li qal li kkompara l-impronti tal-imputat li ha waqt is-seduta mal-*lifters* originali ta' impronti digitali. L-espert ikkonkluda li kien hemm sitt impronti li tlieta

minnhom ma kinux tajbin ghall-fini ta' komparazzjoni. Qal li impronta minnhom ma kinitx taqbel mal-impronta tal-imputat mentri kien hemm impronta (dokumentata 12 DIG 305) li qablet pozittivament mas-sebgha l-werrej tal-id ix-xellugija tal-imputat. Ix-xhud qal li skont l-inkartament tal-Pulizija din l-impronta nstabet fuq in-naha ta' gewwa ta' kexxun. Ir-rapport ta' l-espert gie mmarkat bhala Dok. JM2 a fol. 38 et seq. tal-process.

Xehdet **WPS230 Anna Maria Vella** li qalet li fit-18 ta' Novembru 2012 kienet marret f'numru 6, Triq San Silvestru, Mosta fejn zewg anzjani kienu sabu l-bieb tad-dar taghhom sgassat. Hija kellmithom fejn qalulha li kienu marru Ta' Qali kif jaghmlu kull nhar ta' Hadd u meta waslu lura sabu l-bieb sgassat. Huma qalu li nnutaw li kien hemm xi deheb nieqes (curkett bl-inizjali ta' Frans Saliba). Ix-xhudipprezentat rapport (okkorrenza) li gie mmarkat bhala Dok. AMV1.

Xehed l-**Ispettur Carlos Cordina** li qal li kellhom suspett fuq certu Josef Buttigieg li huwa gharaf fl-awla u dan fuq informazzjoni kunfidenzjali. Meta gab lill-imputat l-ufficcju tieghu huwa nghata d-dritt tal-parir legali izda rrifjutah - esebit bhala Dok. CC1. Ipprezenta wkoll l-istqarrija tal-imputat (Dok. CC2) fejn Josef

Buttigieg ghazel li ma jwegibx ghad-domandi tal-Ispettur. L-Ispettur esebixxa wkoll il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest mahruga minn din il-Qorti u anki kundizzjonijiet mahruga mill-Magistrat Dr. Anthony Micallef Trigona li nhargu fis-7 ta' Novembru 2012 - Dok. CC3 u CC4 (a fol. 89 u 90). Huwa esebixxa wkoll ricevuta fl-ammont ta' €125 rigwardanti serratura ta' bieb li giet mghoddija lilu mill-vittma. (Dok. CCX).

Xehed **PS94 Jack Farrugia** li qal li kellu jesegiwixxi mandat t'arrest fuq Josef Buttigieg li kien jiffirma l-ghassa tal-Qawra. Huwa fil-fatt arresta lill-imputat mill-ghassa tal-Qawra. Kellu wkoll mandat ta' tfixxija fejn ghamlu *search* fir-residenza tal-imputat minn fejn elevaw *ipad* li pero` rrizulta li kien tal-imputat stess. Ix-xhud qal li kien flimkien ma' PC237 Sean Pace li kkonferma dak li qal PS94. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla.

Xehed **PS1147 Antoine Fenech** li esebixxa sett ta' seba' ritratti (Dok. AF1) kif ukoll CD (Dok. AF2). Ix-xhud spjega li gie rikjest jaghmel *download* minn *camera* li kienet tinsab fuq barra ta' dar ta' terza persuna fl-akwati tal-Mosta. Id-data tad-*download* kienet propju t-18 ta' Novembru 2012 fejn hargu seba' ritratti liema ritratti jindikaw zewg persuni jigru fit-triq.

Rat illi d-difiza pprezentat sentenza ghall-finijiet tal-akkuza tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-bail li giet immarkata bhala Dok. JB1 (a fol. 133 et seq). Minn din is-sentenza jirrizulta li l-imputat diga` gie akkuzat u anki kkundannat talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Dott. Anthony Micallef Trigona LL.D.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2016 id-difiza talbet li jithejja *Social Enquiry Report* fejn fil-fatt il-*Probation Officer* **Joseph Mizzi** esebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. JM1 (a fol. 147). F'dan ir-rapport gie konkluz is-segwenti: *"Fid-dawl tal-informazzjoni migbura jinhass il-bzonn li Josef Buttigieg jindirizza l-problema tad-droga, li wasslitu ghal diversi diffikultajiet f'oqsma ohra tal-hajja, liema diffikultajiet setghu kkontribwew ghall-kriminalita` min-naha tal-ikkoncernat; fosthom il-kumpanija hazina, nuqqas ta' mpjieg stabbli u s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu. Huwa ghandu jiehu l-opportunita` miz-zmien fil-habs sabiex jimpejna ruhu ghar-riabilitazzjoni. Dan il-pass f'hajtu ghandu jobbligah izomm ma' pjan ta' kura mfassal minn professjonijisti fil-qasam tar-ribilitazzjoni, specifikament ghall-htigijiet tieghu, bil-ghan li jonqos ir-riskju li Josef jerga' jirrepeti l-istess zbalji tal-passat. Sakemm dan il-pjan*

*ikun jista' jigi attwat, sessjonijiet ta' counselling ma' psikologi fi hdan il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin jghinuh ihares lejn aspetti tal-hajja minn lenti li huwa s'issa ma kellux possibilita` jiskopri. Wara l-perjodu tal-habs, Josef m'ghandux izomm lura milli jipprova mpjieg gdid li jista' jirnexxi fih. Dan il-pjan ghandu jghinu jelimina l-hsibijiet tal-passat u l-influwenzi li gab mieghu u jiffoka fuq ir-responsabilita` u l-maturita` li qed juri."*

Xehdet **Dr. Roberta Holland** li esebiet rapport psikologiku ta' andament dwar l-imputat li gie mmarkat bhala Dok. RH1 a fol. 182 et seq.). F'dan ir-rapport gie rrakkomandat is-segwenti: *"Bhalissa, jidher li Josef jista' jkompli jibbenefika minn trattament ta' natura psikologika sabiex ikompli jtejjeb l-attitudni tieghu giala darba jidher li huwa baqghalu minn ta' l-inqas madwar erba' snin sa kemm ikun rilaxxat. Jista' jtejjeb l-attitudni tieghu lejn l-imgieba kriminali u r-responsabilita` tieghu fl-azzjonijiet tieghu, lejh u lejn haddiehor. La darba jkun rilaxxat, ikun ta' beneficcju ghalih li huwa jkollu sapport f'forma ta' gwida fil-komunita`. Dan anki ghaliex se jkun ilu zmien konsiderevoli fil-habs. Possibiliment, dan is-sapport ikun jikkonsisti minn gwida, supervizjoni kif ukoll ghajnuna sabiex huwa jsib post adekwat fejn joqghod, xoghol addattat ghalih, u anke xi kuntatt ma' xi*

*agenzija sabiex jassigura li jzomm il-boghod mid-droga. Il-progress li ghamel s'issa, u l-mod li miexi bih dan l-ahhar joffri livell tajjeb ta' kunfidenza li huwa motivat u li kapaci jibqa' sejjer fit-triq it-tajba. Pero`, huwa importanti li meta johrog mill-habs, ikollu l-ghajnuna necessarja kif indikat hawn fuq."*

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta dwar serq bi sgass ta' dar residenzjali li tinsab gewwa l-Mosta fejn l-allegat reat twettaq meta ma kien hemm hadd fid-dar stante li l-koppja anzjana kienu marru Ta' Qali. Jirrizulta mill-atti processwali li hadd ma ra lill-imputat jesegiwixxi dan id-delitt li bih jinsab akkuzat. Da parti tieghu l-imputat ma wegibx ghad-domandi li sarulu waqt l-interrogazzjoni u lanqas ma xehed f'dawn il-proceduri u di fatti l-imputat ma ressaq l-ebda provi difiza.

Illi l-fulkrum ta' dawn il-proceduri huwa r-rapport tal-espert Joseph Mallia li kkonstata li wiehed mill-impronti digitali li gew elevati mis-*scene of crime officers* minn gewwa d-dar

residenzjali, senjatament minn kexxun, irrizulta identiku ghall-impronti tal-imputat li ttiehdu mill-espert Joseph Mallia.

Illi ghalhekk konfrontata b'din il-prova cirkostanzjali l-kwistjoni tibqa' jekk fil-fatt din il-Qorti ghandhiex bizzejjed provi sabiex tkun moralment u legalment sodisfatta oltre d-dubju ragjonevoli bil-kolpevolezza tal-imputat.

Il-Qrati nostrani kellhom ic-cans li jiddibattu l-kwistjoni tal-prova cirkostanzjali f'numru ta' decizjonijiet.

Fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad e**t deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn intqal li:

> *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Fil-kawza bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

*"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w'allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi".*

Fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) intqal illi:

*"Il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat."*

Ugwalment fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v James Abela** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax (11) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) gie ddikjarat illi:

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident.*

*S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin".*

Finalment fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet <u>Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada</u> datata l-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) gie ddikjarat illi:

*"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci".*

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz Teper vs. R (1952) jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi ghalhekk, mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-Qorti li tizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghall-konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wehidhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija.

Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, din ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Illi minn dawn il-provi jirrizulta illi l-unika prova li l-Qorti ghandha quddiemha li tista' timplika lill-imputat hija l-impronti digitali li giet elevata minn fuq in-naha ta' gewwa ta' kexxun li kien jinsab gewwa l-fond tad-derubat. Illi l-espert Joseph Mallia kkonstata li l-impronta digitali elevata minn dan il-kexxun tikkombacja mal-impronta ta' Josef Buttigieg. Skont l-istess espert l-impronta digitali qablet posittivament u hija fil-fatt identika mas-sebgha l-werrej tal-id ix-xellugija tal-imputat. Din il-konkluzjoni hija bizzejjed sabiex tikkonvinci lil dina l-Qorti illi

kien proprju l-imputat li kien involut fil-kummissjoni tar-reat li bih jinsab akkuzat.

> *"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l- impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."* - (**Il-Pulizija vs Noel Frendo** deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)

Hawnhekk il-Qorti tirrimarka li l-*lifter* bl-impronti digitali li gie elevat mill-fond inkwistjoni ma ttiehidtx min-naha ta' barra tal-fond jew minn fuq il-bieb tal-istess dar izda proprju minn fuq

kexxun li kien jinsab gewwa l-fond li jfisser *multo magis* li Josef Buttigieg acceda fil-fond numru 6, Triq San Silvestru, Mosta. F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota li d-derubat Francesco Saliba fix-xhieda tieghu qal li lill-imputat lanqas biss jafu.

Illi l-Qorti tirrileva li l-imputat ma ressaq l-ebda prova in difiza biex almenu jaghti spjegazzjoni ta' kif l-impronti tieghu spiccaw fuq il-kexxun li kien fid-dar residenzjali tal-koppja anzjana.

Illi l-Qorti ghandha quddiemha prova cirkostanzjali ta' impronti digitali li instabet fil-fond inkwistjoni li taqbel ma' dik tal-imputat. Illi l-Qorti ghalhekk m'ghandhiex dubju illi sehhet dina s-serqa kif irrapurtat u li fiha kien involut l-imputat billi kien hemm impronti digitali tieghu fuq kexxun gewwa d-dar u ghalhekk ma jistax ikun hemm dubju illi l-imputat kien prezenti gewwa l-imsemmija dar residenzjali. F'dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' Magistrati (Malta) deciza fis-6 ta Gunju 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Josef Farrugia** fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*"... jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat illi fid-29 ta' Novembru 2006 sehhet serqa minn gewwa l-vettura*

*AGU150. Illi il-Qorti ghandha quddiemha prova cirkostanzjali ta' impronta digitali li instabet fuq din il-vettura meta giet ezaminata mill-ufficjali tat-Taqsima tal-Forensika fid-29 ta' Novembru 2006 li jaqbel ma' dik ta' l-imputat. Illi meta d-derubata tixhed fil-Qorti hija tghid illi sabet xi pouches bic-CDs neqsin. Illi l-Qorti ghalhekk ma ghandhiex dubbju illi sehhet dina s-serqa kif irrapurtat u li fiha kien involut l-imputat billi kien hemm impronti digitali tieghu fuq kontentitur gewwa l-karozza, u precisament fuq is-seat tal-passiggier u ghalhekk ma jistax ikun hemm dubbju illi l-imputat kien prezenti gewwa dina l-vettura. Illi sabiex l-imputat kiseb access ghal dina l-vettura huwa ghamel hsara fl-istess u kwindi anke it-tieni akkuza tirrizulta ippruvata."*

Illi l-Qorti terga' taghmel riferenza ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kaz **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** hawn fuq citata fejn gie ritenut li: "*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".* Fil-kaz odjern il-Qorti hija konvinta oltre kull dubju li l-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni konsistenti fil-konkluzjoni tal-espert Joseph Mallia hija certament prova indizzjarja li

tipprova fatt bi precizjoni matematika. B'riferenza wkoll ghal **Archbold,** ukoll hawn fuq citat, ma tezisti l-ebda prova f'dawn il-proceduri li b'xi mod titfa' dubju fuq il-prova indizzjarja u fuq is-sejbien ta' htija a bazi ta' prova cirkostanzjali.

Illi tenut kont ta' dan u konfrontata b'tali evidenza xjentifika l-Qorti hija konvita oltre kull dubju dettat mir-raguni li kien proprju l-imputat li kien dahal fil-proprjeta` ta' Francesco Saliba fejn skont l-istess derubat spicca seraq xi gojjellerija u ghalhekk ghandu jigi kkundannat ghaliha.

Il-Qorti pero` tirrileva li mhijiex ser tiehu inkonsiderazzjoni l-aggravju tal-valur stante li ma tresqet l-ebda prova konkreta f'dan ir-rigward. Ix-xhieda tad-derubat Francesco Saliba kienet pjuttost vaga f'dan is-sens fejn huwa ma kienx specifiku dwar valur anzi beda jaghti valur approssimattiv.

Illi l-imputat huwa akkuzat ukoll talli volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor. Il-Qorti tinnota li ma hemmx dubju li gew ikkagunati hsarat fuq il-bieb tal-imsemmi fond, iktar u iktar meta fil-kaz odjern instabet ghodda fuq is-sodda liema ghodda ma kinitx tappartjeni lid-derubati. Illi

Francesco Saliba xehed li kellu jhallas mastrudaxxa sabiex isewwi l-bieb tad-dar tieghu u f'dan is-sens il-Prosekuzzjoni esebiet ricevuta originali ta' mija u hamsa u ghoxrin ewro (€125) biex tissustanzja l-valur tal-hsarat ikkagunati. Illi ghalhekk il-Qorti ser issib lill-imputat hati wkoll tat-tieni (2) akkuza dedotta fil-konfront tieghu.

Illi l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet (3) akkuza li hija alternattiva gjaladarba l-Qorti qed issib lill-imputat hati tar-reat ta' serq.

Illi ghar-rigward tar-raba' (4) akkuza, il-Qorti tinnota li l-imputat diga` gie akkuzat bl-istess reat u diga` gie kkunannat ghal dan id-delitt minn Qorti kif diversament presjeduta. Illi huwa principju ben stabbilit fil-Ligi Kriminali li bniedem ma jistax jigi akkuzat darbtejn bl-istess azzjoni u dan a bazi tar-regola *ne bis in idem.* Illi d-difiza pprezentat sentenza a fol. 133 et seq. ghall-finijiet tal-akkuza tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest li giet immarkata bhala Dok. JB1. Mill-imsemmija sentenza jirrizulta b'mod car li l-imputat diga` gie akkuzat u anki kkundannat talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposti mill-Qorti

tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Dott. Anthony Micallef Trigona LL.D u ghalhekk ghar-ragunijiet fuq esposti l-Qorti ser tillibera lill-imputat mir-raba' (4) akkuza.

Illi ghar-rigward il-piena, il-Qorti ser tiehu inkonsiderazzjoni dak li xehdu l-ufficjal tal-*probation* Joseph Mizzi u l-psikologa Dr. Roberta Holland fejn gie rimarkat il-progress li ghamel l-imputat u l-fatt li '*l-mod kif inhu miexi bhalissa joffri livell tajjeb ta' kunfidenza li huwa motivat u li kapaci jibqa' sejjer fit-triq it-tajba*.' Ghalhekk din il-Qorti tqis li ghandha taghti opportunita` lill-imputat u dan sabiex dak li akkwista tramite l-isforzi tieghu jigi kkonsolidat u mhux stultifikat u biex huwa jkompli jirriforma ruhu u huwa propju ghalhekk li l-istess Qorti mhijiex ser taghti sentenza ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31(1), 261(b) u (e), 263(a), 269(g), 278(2) u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Josef Buttigieg hati tal-ewwel (1) (izda mhux ghar-rigward tal-aggravju tal-valur) u t-tieni (2) akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundanna lill-imputat ghall-piena

ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, filwaqt li tilliberah mit-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri u li dawn jammontaw ghas-somma komplessiva ta' disa' mija u sbatax-il ewro u tnejn u sittin centezmi (€917.62).

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Josef Buttigieg l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Bugeja**
**Deputat Registratur**